MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2001

Avvi$Z Numru. 963/2000/1

**Avviz Nru:- 963/00**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Vladimir Cutajar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-bank attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ hames mitt liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm500.66c) bilanc ghad-debitu fil-‘loan account’ tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A1) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t’April 2000 sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 23 ta’ Mejju 2000 (Dok. B) u tal-Mandati ta’ Sekwestru u Qbid li

gew ipperzentati kontestwalment kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici, lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' hames mitt liri maltin u sitta u sittin centezmi (Lm500.66c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-1 ta' April 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------